**13 ta' Mejju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Charles Steven Muscat

**Att ta' Akkuża - Piena - Reati kontra l-Persuna - Reat Kontinwat**

*F'din is-sentenza l-Qorti qalet li l-Avukat Ġenerali jista' jibbaża l-att ta' l-akkuża fuq provi li ma nġibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jġibx għan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża (jew kap ta' l-att ta' l-akkuża) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Fl-istadju ta' l-eċċezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma tagħmilx apprezzament tal-provi kollha miġjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirriżultax sodisfaċentement jew le; din hija ħaġa merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeċidi dwar il-provi.*

*Jekk il-piena mitluba fl-att ta' akkuża ma tkunx dik korretta, dan ma jġibx in-nullità ta' l-att ta' akkuża (jew kap ta' l-att ta' l-akkuża). Il-piena tifforma s-suġġett tad-diskussjoni li talvolta tista' ssir wara verdett tal-ġurati, u dana kif jipprovdi l-artikolu 490 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Huwa prinċipju stabbilit kemm fil-ġurisprudenza kif ukoll skond ċerta duttrina li meta si tratta ta' reati kontra l-persuna, ikun hemm invarjabbilment diversità ta' reati b'mod li addirittura tiġi eskluża anke l-figura tar-reat kontinwat.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-18 ta' Ottubru, 1996, liema sentena appellata taqra kif ġej:

"Il-Qorti :-

Rat l-att ta' akkuża numru 9 ta' l-1996;

Rat in-nota ta' l-akkużat tat-23 ta' Frar, 1996 (b'liema nota huwa indika x-xhieda li bi ħsiebu jġib fid-difiża tiegħu kif ukoll issolleva tmien eċċezzjonijiet preliminari u eċċezzjonijiet dwar il-provi tal-prosekuzzjoni, immarkati bl-ittri mill-**A** sa l-**H**);

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Frar, 1996 li biha ta avviż ta' l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità ta' xi uħud mix-xhieda indikati mill-akkużat fin-nota tiegħu;

Rat l-atti l-oħra kollha relevanti inkluża n-nota ta' l-akkużat tal-31 ta' Lulju, 1996 u dik ta' l-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Awissu, 1996; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali dwar inammissibilità ta' xi uħud mix-xhieda indikata mill-akkużat fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996, ġà msemmija. L-Avukat Ġenerali qed joġġezzjona għas-segwenti xhieda: Saviour Farrugia (immarkat bin-numru 2 fin-nota ta' l-akkużat), Giovanni Busuttil (3), Paul Zammit (4), Carmelo Camilleri (6), Dott. John Zammit Montebello (10), John Bugeja (11), Twanny Bonavia u Lilly Brincat (12), George Vella (13, Grazio Spiteri (14), espert li għandu jitqabbad mill-Qorti, indikat bin-numru (16) u l-Kummissarju ta' l-Artijiet (20). L-oġġezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali għal dawn ix-xhieda hi magħmula tikkonsisti fil-fatt illi "minn imkien ma jidher li dawn ix-xhieda huma relevanti". Issa, apparti x-xhud indikat bin-numru 16, li ser jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti in konnessjoni ma' waħda mill-eċċezzjonijiet issollevati mill-istess akkużat, ma nġabu ebda raġunijiet mill-Avukat Ġenerali, u l-Qorti ma tista' tintravvedi ebda raġunijiet, għala x-xhieda l-oħra indikati mill-akkużat mhumiex ammissibbli. Kif din il-Qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kellhom okkażjoni li jfissru diversi drabi, l-ammissibilità ta' xhud hi essenzjalment ħaġa differenti mir-relevanza tal-prova li wieħed ikun irid jagħmel permezz ta' dak ix-xhud. Mill-oġġett tal-prova kif indikat mill-akkużat a rigward ix-xhieda bin-numri 2, 3, 4, 6, 10, 11, 12, 13, 14 u 20 ma jistax jingħad li dawna x-xhieda huma inammissibbli u anqas ma tista' din il-Qorti aprioristikament tippronunzja ruħha fuq ir-relevanza o meno tad-deposizzjoni tagħhom. Ir-relevanza tad-deposizzjoni tagħhom jew ta' xi mistoqsijiet partikolari li jistgħu talvolta jsirulhom għandha tiġi deċiża fil-kors tal-ġuri u dana bis-setgħa mogħtija lil din il-Qorti bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ser tgħaddi issa biex teżamina waħda waħda l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat, magħduda ma' l-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra F l-eċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali dwar ix-xhud (espert) numru 16. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat (bl-ittra A) tirrigwarda l-fatt li fil-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni hemm indikati l-akkużat innifsu u martu. Fuq din l-eċċezzjoni ftit li xejn hemm xi tħgid, u l-Qorti tħoss li din pjuttost tqajmet mill-akkużat *ex abunanti cautela*. L-akkużat ma jistax jiġi prodott bħala xhud mill-prosekuzzjoni (li però tista' tipproduċi bħala prova dak li huwa seta' talvolta qal, sia bil-ġurament sia mingħajr ġurament). L-artikolu 634 tal-Kap. 9 huwa ċar biżżejjed u kwalsiasi kumment ikun superfluwu. Kwantu għal mart l-akkużat, din tista' tiġi prodotta bħala xhud favur jew kontra l-akkużat biss fil-każijiet ikkontemplati fl-artikolu 635. Minn dana l-artikolu, jidher *prima facie* li japplika biss il-paragrafu *(ċ)* tas-subartikolu (1) tiegħu: però l-Qorti, li mhix tenuta f'dana l-istadju toqgħod teżamina jekk, per eżempju, Alfred Grima - li fit-tieni kap jingħad li ntqatel volontarjament mill-akkużat - kienx axxendent jew dixxendent ta' mart l-akkużat, mhix ser teskludi aprioristikament l-applikabilità ukoll tal-paragrafu (a). Il-Qorti ser tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni billi tiddikjara li l-akkużat ma jistax jiġi prodott bħala xhud tal-prosekuzzjoni u li martu tista' tiġi prodotta bħala xhud sia mill-prosekuzzjoni u sia mill-istess akkużat biss fil-każijiet ikkontemplati fl-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali;

It-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat (immarkata bl-ittra B) tgħid hekk:

"Illi kwantu għat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża, dan il-kap hu null in kwantu l-akkużat qatt ma jista' jinstab ħati ta' pussess ta' 55 gramma eroina meta dan il-fatt ma joħroġ mill-ebda provi ta' l-ebda xhud tal-prosekuzzjoni";

Din l-eċċezzjoni ser tiġi respinta. Ġaladarba bejn il-parti espositiva tat-tielet kap u l-parti akkużatorja tiegħu hemm, fis-sustanza, konkordanza (artikolu 449 (5) (b) tal-Kap. 9), hu rrilevanti xi provi (jew nuqqas tagħhom) hemm dwar l-allegati ħamsa u ħamsin gramma eroina. Il-kumpilazzjoni saret ukoll a rigward ta' akkuża ta' pussess ta' eroina (kif jidher mir-rapport ġuramentat ta' l-uffiċjal prosekutur li ta bidu għal dik l-istruttorja) u għalhekk anke jekk minn din il-kumpilazzjoni ma hemmx prova ta' tali pussess u l-Avukat Ġenerali jista' qed jibbaża l-akkuża fit-tielet kap fuq provi oħra li ma nġibux fil-kumpilazzjoni, dan ma jġibx għan-nullità ta' l-imsemmi kap stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali;

It-tielet eċċezzjoni ta' l-akkużat (bl-ittra Ċ) taqra hekk:

"Illi kwantu għar-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuża dan ukoll hu null u bla effett fil-liġi stante li l-fatti hemmhekk imsemmija ma jikkostitwux id-delitt addebitat u f'kull każ il-piena indikata ma tirriflettix id-delitt imsemmi";

Din l-eċċezzjoni hi in parti bbażata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 449 (5) (b) ġà msemmi. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dan ir-raba' kap, u għalkemm il-parti espositiva hi pjuttost qasira u kemmxejn xotta, ma jistax jingħad li l-fatti kif esposti ma jammontawx, fis-sustanza għar-reat addebitat, ċjoè dak ta' traffikar tal-mediċina perikolu kokaina. Kwantu għall-piena mitluba mill-Avukat Ġenerali f'dana l-kap, il-Qorti tara li din hija skond dak li jipprovdi l-artikolu 22 (2) (a) (i) tal-Kap. 101 wara l-emendi ta' l-Att VI ta' l-1994, però qabel dawk ta' l-Att XVI ta' l-1996. Fi kwalunkwe każ, anke jekk il-piena mitluba mhix dik korretta, dan ma jġibx għan-nullità tal-kap in kwistjoni. Il-piena tifforma s-suġġett tad-diskussjoni li talvolta tista' ssir wara l-verdett tal-ġurati u dana kif jipprovdi l-artikolu 490 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi

respinta;

Ir-raba' eċċezzjoni (ittra D) ta' l-akkużat tgħid testwalment:

"Illi s-seba' u tmien kapi ta' l-att ta' l-akkuża fil-fatt jirriferixxu għall-allegat ksur ta' l-istess disposizzjonijiet tal-liġi rigwardanti l-istess fatti u kwindi mhux korrett li ġew intavolati żewġ kapi";

F'dawn iż-żewġ kapi l-Avukat Ġenearli qed jakkuża lil Charles Steven Muscat bid-delitt ta' theddid bil-fomm akkumpanjat b'ordni. Però d-delitt fis-seba' kap kien allegatament magħmul a dannu ta' John Caruana. Issa, huwa prinċipju stabbilit kemm fil-ġurisprudenza kif ukoll skond ċerta duttrina li meta si tratta ta' reati kontra l-persuna - u r-reat ikkontemplat fl-artikolu 249 hu delitt kontra l-persuna - ikun hemm inarjabbilment diversità ta' reati b'mod li addirittura tiġi eskluża anke l-figura tar-reat kontinwat. Infatti din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar, 1939 fl-ismijiet **Il-Maestà Tiegħu ir-Re** ***vs*** **Vincenzo Grima** ***et***, presjeduta mill-Prim Imallef Sir Arturo Mercieca u sedenti miegħu l-Imħallfin Ganado u Harding, kienet qalet hekk in materja;

"Illi għalkemm, bħala regola, l-identità tas-suġġett passiv ma teskludix dejjem il-pluralità ta' reati u lanqas id-diversità tas-suġġetti passivi ma hija dejjem argument biex teskludi r-reat kontinwat, però ġie ritenut fid-dottrina ... illi meta si tratta ta' reat kontra persuna, allura d-diversità tas-suġġett passiv teskludi dejjem u f'kull każ il-kunċett ta' reat kontinwat. Jispjega l-Impallomeni illi min jesplika l-azzjoni tiegħu delittwuża fuq persuni diversi huwa animat minn tant kawżi speċjali u tant finijiet kemm huma l-persuni u fejn hemm kawżi u finijiet distinti hemm riżoluzzjonijiet kriminużi distinti u mhux

riżoluzzjoni kriminuża waħda, anke jekk l-azzjoni delittwuża tiġi esplikata fuq persuni diversi. Fl-istess kuntest ta' żmien hemm kontemporaneità ta' riżoluzzjonijiet kriminużi diversi, iżda mhux riżoluzzjoni kriminuża waħda ... F'dana l-insenjament jitqiesu bħala reati kontra l-persuna mhux biss dawk proprjament hekk imsejħin, iżda anke dawk li jolqtu attributi oħra tal-persuna bħal ma huma l-unur, il-mistħija, il-libertà, eċċ";

Dana l-insenjament ta' din il-Qorti jidher li ġie, bħala regola, dejjem segwit. Huwa veru li hemm dottrina oħra, li l-esponent prinċipali tagħha kien il-Crivellari, li però ma tantx jidher li sabet favur f'dawn il-Qrati. Għandu jingħad ukoll li l-ġurisprudenza aktar reċenti tal-Kassazzjoni Taljana dwar l-artikolu 81 tal-Kodiċi Penali Taljan, li t-tieni inċiż tiegħu jinkorpora l-istess kunċett ta' reat kontinwat bħalma wieħed isib fil-liġi tagħna, hi fis-sens li jista' f'ċerti każijiet ikollok il-figura tar-reat kontinwat anke meta si tratta ta' diversi persuni bħala s-suġġetti passivi tar-reat (ara f'dan is-sens Antolisei, F., *Manuale di Dirittor Penale - Parte Generale*, Giuffrè (Milano), 1989, p. 459). Ikun għalhekk jispetta għall-Imħallef li jippresjedi l-ġuri li se mai jindirizza lill-ġurati dwar jekk ir-reati addebitati fis-seba' kap u fit-tmien kap għandhomx jitqiesu bħala reat wieħed kontinwat o meno, u dan, naturalment, ikun jiddependi mill-fatti kif talvolta jirriżultaw. Konsegwentement ma hemm lok ta' ebda dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawn il-kapi;

Il-ħames eċċezzjoni (ittra E) ta' l-akkużat tgħid hekk:

"Illi kull referenza għal xi każ li l-akkużat seta' kellu fil-Marokk, li tiegħu hu ġie lliberat, mhix ammissibbli bħala prova, stante li tkun qiegħda tagħmel referenza għal kondotta jew komportament tiegħu, estraneju għall-każ, li mhux permess mil-liġi";

Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni, kif formulata, ma tinkwadrax bħal "eċċezzjoni dwar l-ammissibilità tal-provi" kif ipprovdut fl-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodiċi Kriminali. Meta parti jew oħra tqajjem f'dana l-istadju eċċezzjoni dwar l-ammissibilità ta' prova li l-parti l-oħra jkollha l-ħsieb li ġġib, tali eċċezzjoni trid tkun tirreferi għal prova konkreta li l-parti l-oħra jkollha l-ħsieb li ġġib. Jidher, minn dak li ssottometta l-abbli difensur ta' l-akkużat, li hawnhekk l-akkużat qed jirreferi għal xi każ ta' pussess ta' droga li huwa kellu fil-Marokk. Però mkien ma indika liema hi l-prova, dwar dan il-każ tal-Marokk, li l-prosekuzzjoni għandha l-ħsieb li ġġib. Il-Qorti tifhem li mhux il-kompitu tagħha li toqgħod iddur id-deposizzjonijiet li x-xhieda taw fil-kors ta' l-istruttorja sabiex tara min seta' lissen xi kelma dwar il-Marokk jew il-każ tal-Marokk, jew biex tara min minn dawn ix-xhieda jista' jkun propens jew inklinat li taħrablu xi kelma dwar l-istess. Anke jekk fil-kors ta' l-istruttorja xi xhud seta' semma xi ħaġa dwar il-każ li l-akkużat kellu fil-Marokk, dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni għandha l-ħsieb li ġġib tali prova, ċjoè dwar il-każ tal-Marokk. Hu risaput li fil-kors ta' l-istruttorja, fid-deposizzjonijiet tax-xhieda, ikun hemm ħafna affarijiet li strettament ma jkunux ammissibbli, bħal per eżempju xiehda *hearsay*. Ix-xhieda elenkati mill-Avukat Ġenerali jridu jinstemgħu *viva voce* u d-deposizzjonijiet mogħtija minnhom fl-istruttorja huma, sa issa, biss mezz ta' kontroll. B'referenza għal dan il-każ tal-Marokk, l-akkużat ma talabx, skond il-*proviso* tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 438, li jiġi ddikjarat dak li jrid jiġi ppruvat bix-xiehda ta' xi xhud partikolari. Għalhekk ma hemm ebda ness bejn l-ilment ta' l-akkużat fil-paragrafu E tan-nota tiegħu u xi prova li fil-każ konkret jidher li l-Avukat Ġenerali jrid iġib 'il quddiem. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tiddeċidi billi tiddikjara li din l-eċċezzjoni mhix eċċezzjoni fis-sens ta' l-artikolu 438 (2) (i) tal-Kap. 9 u li għalhekk ma tqajjem ebda kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata f'dana l-istadju u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha;

L-eċċezzjoni taħt il-paragrafu F hi marbuta ma' l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avuakt Ġenerali ta' l-ammissibilità ta' l- "espert li għandu jitqabbad mill-Qorti" (indikat mill-akkużat bin-numru 16). Proprjament dak li hemm fil-paragrafu F mhix eċċezzjoni - la preliminari u lanqas dwar l-ammissibilità ta' xi prova ta' l-Avukat Ġenerali - iżda pjuttost forma ta' talba sabiex il-Qorti tinnomina espert li jkun jista' jixhed dwar kif il-kokaina teffettwa persuna mil-lat psikoloġiku, mentali u fiżiku fost affarijiet oħra. L-Avukat Ġenerali, bl-eċċezzjoni tiegħu, jidher li qed jgħid li tali xhud mhux ammissibbli, però ma jispjegax għaliex. Skond kif fisser l-abbli difensur ta' l-akkużat fil-kors tat-trattazzjoni tiegħu, id-difiża trid tagħmel il-prova dwar l-effett li l-użu tal-kokaina kellha fuq l-istess akkużat. Peress li, skond l-istess difensur, dan ikun neċessarjament jirrikjedi l-espressjoni ta' opinjoni, l-akkużat qed jitlob li din il-Qorti tinnomina espert. Issa, skond l-artikolu 650 (1) tal-Kodiċi Kriminali:

"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' xi ħaġa tkun tenħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja" (enfasi tal-Qorti);

Is-subartikolu (2), imbagħad, ikompli jgħid li l-periti jiġu magħżulin mill-Qorti. Fil-każ odjern mhux qed jintalab li jiġi maħtur espert għax hemm il-bżonn ta' l-eżami ta' xi persuna jew ta' xi ħaġa. Kif fisser id-difensur ta' l-akkużat u kif del resto jirriżulta min-nota ta' l-akkużat tat-23 ta' Frar, 1996, dak li qed jintalab li tixhed dwaru l-persuna li talvolta tiġi maħtura bħala espert hu sempliċement dwar l-effetti ta' l-abbuż mill-kokaina fuq il-bniedem. Għalhekk strettament il-każ ta' eżami ta' persuna jew ta' xi ħaġa, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa - mill-prosekuzzjoni, mid-difiża, mill-Qorti jew mill-ġurati - opinjoni mhux b'referenza għal xi persuna jew xi ħaġa partikolari iżda b'mod ġeneriku. Huwa għalhekk dejjem desiderabbli li l-persuna li tagħti dik l-opinjoni xjentifika tkun

persuna magħżula mill-Qorti stess, u dan in omaġġ għall-prinċipju ġenerali li f'materja penali l-periti dejjem jiġu nnominati mill-Qorti u mhux mill-partijiet. Għalhekk, din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-paragrafu F ma jissollevax proprjament eċċezzjoni, qed tirriserva li fl-istadju opportun, u jekk u meta tqum il-ħtieġa, tinnomina espert kif mitlub mid-difiża;

Is-seba' eċċezzjoni ta' l-akkużat (fil-paragrafu G) taqra hekk:

"Illi jidher illi x-xhieda ta' l-akkużat ġiet *tape recorded* u kwindi għandu jiġi esebit il-*casette tape* sabiex l-akkużat ikun jista' jikkontrolla dak li ġie dattilografat";

Din ukoll mhix eċċezzjoni, iżda l-aktar li tista' tissejjaħ hi talba għall-produzzjoni ta' *tape recording*. Ovvjament tali *tape recording* jista' biss jiġi prodott minn xhud li jiġi mħarrek speċifikatament għal dan il-fini. L-akkużat, fit-terminu stabbilit fl-artikolu 438 (2) tal-Kap. 9 ma indika ebda xhud għal dana l-fini. Għalhekk, salv dejjem dak li jipprovdi l-artikolu 440 (3) u, jekk ikun il-każ, l-artikolu 440 (5), din l-eċċezzjoni ser tiġi respinta;

Fl-aħħarnett, fil-paragrafu H tan-nota tiegħu, l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilità ta' ċerti brani fid-deposizzjoni tiegħu minnu mogħtija quddiem il-maġistrat li kien qed jikkonduċi waħda mill-inkjesti dwar l-*in genere* in konnessjoni ma' dan il-każ. L-akkużat qed jeċċepixxi l-inammissibilità ta' dawn il-brani għax, skond hu, dawn jirreferu għar-rekord penali tiegħu. Permezz tan-nota tiegħu tal-31 ta' Lulju, 1996 l-akkużat speċifika l-brani in kwistjoni. Dawn jinsabu fid-deposizzjoni li hemm annessa mal-*proces verbal* tal-11 ta' Ottubru, 1994 (redatt mill-Maġistrat Dott. Carol Peralta) u esebit a fol. 157 ta'

l-atti ta' l-istruttorja. Id-deposizzjoni ta' l-akkużat tibda a fol. 11 ta' l-atti tal-*proces verbal*. Permezz tan-nota tiegħu tal-31 ta' Lulju, 1996, l-akkużat speċifika il-brani li qed jilmenta dwarhom. Issa, fil-prassi ta' din il-Qorti u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 489 tal-Kodiċi Kriminali, il-preċedenti penali (ċjoè *previous convictions*) ta' akkużat ma jistgħux jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurija ħlief per via ta' eċċezzjoni kif ipprovdut fl-imsemmi artikolu. L-istess jingħad għal dak li jissejjaħ *evidence of bad character*;

"*As a general rule, it is not open to the prosecution to adduce evidence of the bad character of the accused in any form. Thus, the previous convictions of the accused may not form part of the case against him, nor may his previous misconduct, his disposition towards wrongdoing or immorality, or his bad reputation in the community in which he lives. If such evidence is to be adduced against an accused, it must be by way of exception to the general rule*" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, p. 1859, para. F12.1);

Dan japplika sew għal jekk il-prova tkun ser issir permezz ta' xhieda, kif ukoll jekk tkun ser tinġieb fil-konfessjoni jew fl-istqarrija ta' l-akkużat. Fil-każ Ingliż **Turner *vs* Underwood**, (1948) 2 KB 284, Lord Goddard kien qal hekk:

"*It is the practice as a rule in cases which are tried before juries that where the court knows there is something said by a man in his statement which admits a previous conviction, or shows other matter reflecting on his character, the court sees that that is not read out to the jury*" (p. 286);

Din il-prassi, safejn jista' jiftakar l-Imħallef sedenti, ġiet ukoll diversi drabi segwita minn din il-Qorti. Fin-nota tiegħu tal-31 ta' Lulju, 1996, l-akkużat jelenka dawn il-brani:

Fol. 11 tal-Proċess Verbal linja 2 "il-Marokk";

Fol. 20 tal-Proċess Verbal linja 5 sa 9;

Fol. 22 tal-Proċess Verbal linja 11 sa 13.4. Fol. 30 tal-Proċess Verbal linja 6/7 "fuq tal-Marokk u mhux Marokk";

Għar-rigward l-ewwel bran kif indikat, il-Qorti ma setgħetx issibu. A fol. 11 la fil-linja 2 u anqas f'ebda linja oħra ma hemm il-kliem "il-Marokk" jew xi sentenza tibda b'dawk il-kliem. Dwar it-tieni bran, dan jirreferi għas-segwenti kliem a fol. 20: "Naf li darba minnhom kont ġejt arrestat fuq *hold up* li jien qatt ma għamilt. Il-Pulizija kienu arrestawni meta kont il-Casino. Dak in-nhar il-pulizija kienu ġew id-dar tiegħi u sabuli revolver u għadni għaddej bi proċeduri sal-lum fuq dan ir-revolver. Dan ilu 4 snin". Il-Qorti taqbel li dan il-bran kollu m'għandux jitqiegħed quddiem il-ġurati ħlief jekk kemm-il darba jsir neċessarju sabiex il-prosekuzzjoni tirribatti xi difiża partikolari li talvolta jġib 'il quddiem l-akkużat. It-tielet bran, a fol. 22, jgħid hekk: "Jew jeħdilhom xi 300 gramma kokaina għal ġewwa, għadni ġej mill-Marokk, sa niġi emnut jew!". Il-Qorti ma tara xejn f'dan il-bran li jirreferi għal *previous conviction* jew *evidence of bad character* ħlief forsi għall-kliem "għadni ġej mill-Marokk" u għalhekk huwa desiderabbli li dawn il-kliem ("għadni ġej mill-Marokk") ma jinġibux a konjizzjoni tal-ġurati. L-istess jingħad għal dak li jirrigwarda r-raba' bran, a fol. 30 tad-deposizzjoni ta' l-akkużat u preċiżament għal kliem "u fuq tal-Marokk u mhux Marokk". Il-Qorti taqbel li dawn il-kliem ukoll m'għandhomx jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati, ħlief ejjem jekk ikun neċessarju sabiex il-prosekuzzjoni tirribatti xi difiża partikolari li talvolta jista' jġib 'il quddiem l-akkużat;

Għall-motivi premessi din il-Qorti:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali ta' l-inammissibilità tax-xhieda msemmija fin-nota ta' l-istess Avukat Ġenerali tas-27 ta' Frar, 1996;

Tipprovdi dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat (fil-paragrafu A tan-nota tiegħu) billi tiddikjara li l-akkużat ma jistax jiġi prodott bħala xhud tal-prosekuzzjoni u li martu tista' tiġi prodotta bħala xhud sia mill-prosekuzzjoni u sia mill-istess akkużat biss fil-każijiet ikkontemplati fl-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali;

Tirrespinġi t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet issollevati mill-akkużat (fil-paragrafi B, C u D tan-nota tiegħu);

Tipprovdi dwar il-ħames eċċezzjoni ta' l-akkużat (paragrafu E tan-nota tiegħu) billi tiddikjara li din l-eċċezzjoni mhix eċċezzjoni fis-sens ta' l-artikolu 438 (2) (i) tal-Kap. 9 u li għalhekk ma tqajjem ebda kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata f'dana l-istadju u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha;

Tipprovdi dwar is-sitt eċċezzjoni ta' l-akkużat (paragrafu F tan-nota tiegħu) billi tirriserva li fl-istadju opportun, u jekk u meta tqum il-ħtieġa, tinnomina espert kif mitlub mid-difiża;

Tirrespinġi s-seba' eċċezzjoni ta' l-akkużat (paragrafu G tan-nota tiegħu); u

Tilqa' t-tmien eċċezzjoni ta' l-akkużat (paragrafu H tan-nota tiegħu) limitatament kif ġej u ċjoè billi tordna li l-brani mid-deposizzjoni ta' l-akkużat mogħtija fit-23 ta' Settembru, 1994 quddiem il-Maġistrat Dott. Carol Peralta u li ġew issottolineati fil-paragrafu 9 ta' din is-sentenza ma jinġibux a konjizzjoni tal-ġurati ħlief jekk ikun neċessarju sabiex il-

prosekuzzjoni tirribatti xi difiża partikolari li talvolta jista' jġib 'il quddiem l-akkużat";

Minn dik is-sentenza appella l-akkużat permezz ta' rikors ta' l-appell ippreżentata fil-21 ta' Ottubru, 1996, li biħ talab li din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu rrespinġiet l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali dwar l-inammissibilità tax-xhieda msemmija fin-nota ta' l-istess Avukat Ġenerali tas-27 ta' Frar, 1996 u pprovdiet dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant immarkata bil-paragrafu (a) tan-nota tiegħu billi ddikjarat li l-akkużat ma jistax jiġi prodott bħala xhud tal-prosekuzzjoni u li martu tista' tiġi prodotta bħala xhud sia mill-prosekuzzjoni sia mid-difiża biss fil-każijiet ikkontemplati fl-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali; u timmodifika jew tirriforma s-sentenza appellata billi mhux biss tikkonferma l-parti tas-sentenza in kwantu laqgħet it-tmien eċċezzjoni tiegħu u ordnat li l-brani mid-deposizzjoni tiegħu mogħtija fit-23 ta' Settembru, 1994 ma jinġibux a konjizzjoni tal-ġurati ħlief jekk ikun neċessarju sabiex il-prosekuzzjoni tirribatti xi difiża partikolari li talvolta jista' jġib 'il quddiem l-akkużat, iżda ukoll billi tilqa' l-eċċezzjoni fl-interità tagħha billi teditja l-brani kollha indikati minnu; u tirrevokaha kwantu irrespinġiet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet issollvati mill-appellant, u tirrevokaha ukoll in kwantu ddikjarat li l-ħames eċċezzjoni mhix eċċezzjoni fis-sens ta' l-artikolu 438 (2) (i) tal-Kap. 9 u li għalhekk ma tqajjem ebda kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata f'dan l-istadju preliminari, u konsegwentement astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha; u tirrevokaha in kwantu pprovdiet dwar is-sitt eċċezzjoni ta' l-appellant immarkata b'paragrafu (f) fin-nota tiegħu billi rriservat li fl-istadju opportun, u jekk u meta tqum il-ħtieġa, tinnomina espert kif mitlub minnu; u tirrevokaha in kwantu rrespinġiet is-seba' eċċezzjoni tiegħu, b'hekk illi tilqa' l-eċċezzjonijiet indikati fil-paragrafi (b) sa (h) fin-nota tiegħu ppreżentata fit-23 ta' Frar, 1996, u tammetti bħala xhud lill-

espert kif immarkat b'paragrafu numru 16 fl-imsemmija nota tiegħu;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Billi fir-rikors ta' l-appell hemm diversi aggravji, wara li ħadet konjizzjoni ta' kollox din il-Qorti hi tal-fehma li l-aħjar mod hu li jiġu kkunsidrati seriatim;

Bl-ewwel aggravju tiegħu li jirreferixxi għat-tieni eċċezzjoni tiegħu, immarkata bl-ittra B fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996, għandu jingħad dan li ġej:

L-eċċezzjoni kienet fit-termini li ġejjin: "illi kwantu għat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża, dan il-kap hu null in kwantu l-akkużat qatt ma jista' jinstab ħati ta' pussess ta' 55 gramma eroina meta dan il-fatt ma joħroġx mill-ebda provi ta' ebda xhud tal-prosekuzzjoni";

L-appellant qed jissottometti li fil-parti esposittiva ta' l-akkuża, l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda dritt li jinkludi fatt jew fatti li abbundantement huwa ċar li ma joħorġu mill-ebda prova li hu jkollu quddiemu u li tkun inġiebet fl-istruttorja. Infatti, l-artikolu 589 (c) tal-Kodiċi Kriminali jindika ċar kif għandha tiġi redatta l-parti espositiva ta' l-att ta' l-akkuża. Skond l-appellant mhux biżżejjed li l-fatti hemm indikati jistgħu jew ma jistgħux iwasslu għall-parti akkużatorja, iżda hu prinċipju li l-prosekuzzjoni m'għandhiex tinkludi dettalji li per se ser jaggravaw lill-akkużat inġustament meta dawn huma

manifestament inveritieri. Huwa jossottometti li hu ben saput li l-ewwel dokument li l-ġurija jkollha fil-pussess tagħha hu l-att ta' l-akkuża. Hawn mhux si tratta ta' xi dettal irrelevanti bħal ma huwa xi indikazzjoni żbaljata ta' ħin, post jew lokal, iżda l-enfasi hija fuq l-ammont ta' droga u ċjoè 55 gramma;

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet referenza għall-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali biex tissostanzja d-decide tagħha, iżda, skond hu, dan l-artikolu qiegħed jirreferixxi għall-proċedura speċifika kif għandha tinġabar xhieda jew provi wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni. Jidher minn dan l-artikolu, fil-fehma ta' l-appellant, li l-liġi hi ferm ġeluża għad-drittijiet ta' kull akkużat li hu għandu jkollu quddiemu l-provi li fuqhom il-prosekuzzjoni qed tistrieħ biex b'hekk hu jkollu l-opportunità li jipprepara sewwa d-difiża tiegħu. Skond l-appellant is-subartikolu IV ta' l-artikolu 435 jagħmilha ċara li l-Avukat Ġenerali fil-każ ikkontemplat, irid jagħmel ir-rikjesta tiegħu bil-miktub. Dan mhux il-każ in eżami, u għalhekk dan l-artikolu mhux importanti fid-diskussjoni legali odjerna. Fi kwalunkwe każ, jissottometti l-appellant, l-Ewwel Qorti għandha l-poter mogħti lilha fl-artikolu 597 tal-Kodiċi Kriminali li hi stess, *ex officio*, tista' tawtorizza jew ossia hi nnifisha temenda kwalsiasi parti ta' l-att ta' l-akkuża. Għalhekk, filwaqt li talab li din l-eċċezzjoni tiegħu tiġi akkolta, l-appellant enfasizza l-fatt li se mai, anke jekk din il-Qorti tasal li ma hemm l-ebda nullità, hija għandha tawtorizza l-emenda u t-tneħħija ta' din il-parti żbaljata f'dan il-kap ta' l-att ta' l-akkuża;

Wara dak li ddeċidiet fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, din il-Qorti tara li l-istess deċiżjoni hija ineċċepibbli peress li l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni ta' l-appellant ikun jimporta eżami tal-provi kollha miġjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni bir-riżultat imbagħad li l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħmel apprezzament ta' l-istess biex tara jekk prova partikolari tirriżultax sodisfaċentement jew le.

Dana ma jistax isir apparti dak li rrilevat l-Ewwel Onorabbli Qorti. Din hija ħaġa merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeċidi dwar il-provi, u l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tiddeċidi kif iddeċidiet. Il-Qorti tara ukoll li jkun kompletament superfluwu li toqgħod tidħol fi kwistjonijiet issollevati mill-appellant fir-rigward ta' l-applikabilità o meno u l-estensjoni ta' l-applikabilità ta' l-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali. Anqas ma tara konsegwentement, li huwa l-każ li jiġi applikat id-dispost ta' l-artikolu 597 tal-Kodiċi Penali, kif qed jitlob l-appellant;

Ikkunsidrat:

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda t-tielet eċċezjoni tiegħu mmarkata bl-ittra C fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996;

B'dik l-eċċezzjoni huwa kien eċċepixxa li kwantu għar-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuża, dan ukoll huwa null u bla effett fil-liġi stante li l-fatti hemmhekk imsemmija ma jikkostitwux id-delitt addebitat u f'kull każ il-piena indikata ma tirriflettix id-delitt imsemmi;

L-appellant *qed jissottometti li l-Ewwel Qorti, filwaqt li* rrespinġiet din l-eċċezzjoni, stqarret li l-parti esposittiva tar-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuża: "... hi pjuttost qasira u kemmxejn xotta". L-artikolu 589 (ċ) tal-Kodiċi Kriminali jorbot lill-Avukat Ġenerali li meta jirrediġi att ta' akkuża għandu jagħmel hekk bl-aktar mod ċar sabiex il-ġurija tkun tista' tifhem mill-bidunett x'inhuma l-fatti li jistgħu jwasslu għall-akkuża fl-imsemmi kap. Fil-każ in eżami, skond l-appellant, hemm nuqqas u żgur hemm dubbju dwar kif dawn il-fatti qosra u xotti jistgħu jwasslu għall-akkuża iddebitata. Għaldaqstant huwa jissottometti li f'dan il-kap ma hemmx in-*nexus* li trid il-liġi

bejn il-fatti kif esposti u l-akkuża miġjuba kontra tiegħu;

Fuq dan l-aggravju din il-Qorti ftit għandha xi tgħid. Infatti, wara li rat l-imsemmi kap IV ta' l-att ta' l-akkuża u kkonstatat x'inhuma l-fatti hemm deskritti, hija taqbel kompletament ma' l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-parti relattiva tas-sentenza appellata u jidhrilha li assolutament mhux il-każ li żżid aktar fuq dak illi diġà hemm fiha. Il-minimu rikjest mil-liġi, fil-fehma tagħha, huwa sodisfatt u ma tarax kif dan l-istess aggravju jista' jiġi sostnut. Għalhekk qed tiċħdu;

Ikkunsidrat:

L-aggravju li jmiss ta' l-appellant jirrigwarda r-raba' eċċezzjoni tiegħu mmarkata bl-ittra D fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996;

Permezz ta' dik l-eċċezzjoni huwa kien issottometta li s-seba' u t-tmien kapi ta' l-att ta' l-akkuża fil-fatt jirriferixxu għall-allegat ksur ta' l-istess disposizzjonijiet tal-liġi rigwardanti l-istess fatti li kwindi mhux korrett li ġew intavolati żewġ kapi;

F'dan ir-rigward huwa jissottometti li ma jaqbilx mad-deċiżjoni relattiva ta' l-Ewwel Qorti. Huwa jgħid li għalkemm huwa veru dak li ġie deċiż fil-każ **Il-Maestà Tiegħu ir-Re** ***vs*** **Vincenzo Grima** ***et***, l-enunċjazzjoni legali hemmhekk indikata tapplika għall-każ in eżami, u ċjoè għal dak li qed jiġi eċċepit minnu. Fil-fatt il-Qorti f'dak il-każ għamlet distinzjoni sottili u ċjoè, irrimarkat li t-test hu jekk persuna jkunx animat minn tant kawżi speċjali u tant finijiet daqskemm huma l-persuni u fejn hemm kawżi u finijiet distinti, hemm riżoluzzjonijiet kriminużi distinti. Fil-każ odjern, isostni l-appellant l-akkużi jirriferixxu

għal ċirkostanzi immedjatament li seħħew fl-omiċidju u jirreferixxu għall-fatt tal-vjaġġ ta' l-appellant minn fuq ix-xena ta' l-allegati reati safejn ftit ħin wara ġie maqbud mill-pulizija. Dan hu reat kontinwat u kwindi s-seba' u t-tmien kapi għandhom jiġu redatti f'kap wieħed. Anke l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li kellha tagħmel referenza għat-teżi ta' Crivellari, però, finalment iddeċidiet li se mai, dan għandu jkun il-kompitu ta' l-Imħallef sedenti li jispjega lill-ġurija l-kunċett ta' reat kontinwat;

L-appellant jissottometti li dan ser jikkrea biss konfużjoni f'moħħ il-ġurija. Il-Qorti ma tistax tissana n-nullità billi teħodha fuqha nfisha li tispjega dan il-kunċett, peress li dak li hu null *ab initio* ma jista' qatt jiġi sanat fl-indirizz ta' l-Imħallef lill-ġurija. L-Avukat Ġenerali, fil-fehma ta' l-appellant, meta jirrediġi l-kapi ta' l-att ta' l-akkuża għandu joqgħod ferm attent li ma jikkreax preġudizzji lill-akkużat billi possibilment jirraġuna illi l-kwantità tal-kapi tista' fiha nfisha turi ksur ta' aktar minn disposizzjoni waħda tal-liġi meta fil-fatt ma jkunx hemm;

Din il-Qorti għalkemm tifhem il-portata ta' uħud mis-sottomissjonijiet li qed jagħmel l-appellant in materja ta' kemm f'każijiet kontra l-persuna tista' tiffigura f'ċirkostanzi partikolari l-figura tar-reat kontinwat, ma taqbilx miegħu li dan huwa eżerċizzju li jista' jsir aprioristikament kif inhi kkontemplata s-sistema tagħna tal-ġuri. Fil-fatt, tenut kont tal-fatt li jekk hija applikabbli f'xi każijiet l-eċċezzjoni li qed jirreferi għaliha hu, bir-riżultat li jkun jista' jiffigura r-reat kontinwat, dan ikun ifisser li jrid neċessarjament jiġu eżaminati minn qabel iċ-ċirkostanzi, kif ukoll l-*animus* u l-*mens rea* ta' l-akkużat - konsiderazzjonijiet li jistgħu jsiru biss fl-istadju opportun u mhux minn qabel. Din il-Qorti ma tiddubitax illi jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti temmen li f'ċertu ċirkostanzi jista' jiffigura r-reat kontinwat, anke f'każijiet ta' reati kontra l-

persuna, dana tispjegah lill-ġurati fil-mument opportun. Però l-appellant ma jistax jippretendi minn din il-Qorti li minn issa tiddeċidi li l-ġurati għandhom jiġu diretti fis-sens illi qiegħed jgħid hu jew li addittura aprioristikament jiġu determinati ċerti fatti li la din il-Qorti u lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tista' tiddetermina hi, għal dan l-istadju. Għalhekk għamlet sewwa l-Ewwel Onorabbli Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu msemmija;

Ikkunsidrat:

L-aggravju li jmiss ta' l-appellant jirrigwarda l-ħames eċċezzjoni tiegħu mogħtija fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996 u mmarkata bl-ittra E;

B'dik l-eċċezzjoni hu kien issottometta li kull referenza għall-każ li l-akkużat seta' kellu fil-Marokk, li tiegħu hu ġie lliberat, mhix ammissibbli bħala prova, stante li tkun qiegħda tagħmel referenza għall-kondotta jew komportament tiegħu, estraneu għall-każ, u li mhux permess mil-liġi;

L-appellant jissottometti li hu ma jifhimx kif l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni li din l-eċċezzjoni ma tinkwadrax ruħha bħala eċċezzjoni dwar l-ammissibilità tal-provi kif ipprovdut fl-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodiċi Kriminali. Anqas ma jifhem għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkunsidra l-artikolu 449 (ġ) fejn il-liġi tagħti d-dritt li f'dan l-istadju tinġieb kwalsiasi eċċezzjoni ta' natura preliminari. Huwa jissottometti fir-rigward li l-fatt li huwa kien fil-Marokk mhux *a fact in issue* f'dan il-każ. Huwa veru li tali dettall jista' ma jkun ifisser xejn għall-ġurija, però, stante li l-każ ta' persuni allegatament maqbuda fil-Marokk bi kwantità ta' droga kien ferm publiċizzat fil-mezzi kollha tax-xandir, dan il-fatt waħdu ser ikun ta' preġudizzju meta hu għal kollox estraneu għall-każ

odjern;

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti esprimiet li hi ppretendiet li huwa jindika dawk il-provi li għandhom jiġu hekk iddikjarati inammissibbli. Fil-fehma tiegħu, però, hu ma stenniex mill-Qorti li hi toqgħod tifli l-proċess u tara fl-atti ta' l-istruttorja min irriferixxa għall-Marokk jew le. Però, fil-fehma tiegħu, mhix korretta anqas l-Ewwel Onorabbli Qorti illi kkonkludiet li hi ma kellhiex quddiemha xi intenzjoni jew ħsieb tal-prosekuzzjoni li ġġib tali prova. Il-Qorti kellha quddiemha prova ċara li dan il-fatt issemma kemm-il darba fil-proċess. L-Ewwel Qorti setgħet ukoll tifhem li in via ta' eċċezzjoni preliminari, u f'dan l-istadju preliminari qabel ma jibda l-ġuri, hi tagħti direttiva u deċiżjoni li l-prosekuzzjoni m'għandha l-ebda dritt li tistaqsi fl-eżamijiet tagħha tax-xhieda, domandi dwar dan l-anteċedent. U f'dan l-istadju intiż mil-liġi biex kwalsiasi materja tiġi ċċarata skond il-liġi qabel ma jibda l-ġuri, din l-eċċezzjoni tagħmel ferm sens mhux biss a tenur ta' l-artikolu 438 (2) (1) tal-Kodiċi Kriminali, iżda anke a tenur ta' l-artikolu 449 (ġ) ta' l-istess Kodiċi. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, mhix korretta l-Ewwel Qorti li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni, u huwa jitlob li din il-Qorti għandha tagħmilha ċara, illi, salv fil-każijiet ikkontemplati mil-liġi, l-ebda referenza għal dan il-każ tal-Marokk m'għandha ssir fis-smigħ ta' dan il-ġuri;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan l-aggravju ta' l-appell u tasal għall-konklużjoni li tista' raġonevolment tħares lejh u tagħtih ċertu piż in kwantu jidher li hu mogħti *ex abbundanti cautelae*. Dana qiegħed jingħad għaliex hu evidenti minn parti oħra mis-sentenza appellata, li għad trid tiġi ttrattata aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tikkunsidra l-eċċezzjoni l-oħra ta' l-appellant dwar talba għal qtugħ mill-istqarrija tiegħu ta' xi referenzi għall-passat tiegħu, illi kull fejn hemm xi referenza għall-Marokk u għal dak

li seta' ġara fil-Marokk, anke fejn l-importanza ta' dan kienet tidher li marġinali għall-aħħar, l-istess Qorti kienet kawta għall-aħħar u ordnat li kull referenza għall-Marokk fl-istess *statement* ma tinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati. Jiġifieri kellu jkun ċar f'moħħ l-appellant - u għall-istess raġuni anke f'moħħ il-prosekuzzjoni - kif l-Ewwel Onorabbli Qorti hija ben konxja ta' x'għandha tkun il-posizzjoni dwar possibbli referenza għall-Marokk, u l-preżenza jew konnessjoni ta' l-appellant fil-jew mal-Marokk u l-preżenza jew konnessjoni ta' l-appellant fil-jew mal-Marokk. Għall-bqija, din il-qorti jidhrilha li ftit għandha x'iżżid peress li b'dak li qed jitlob l-appellant, din il-Qorti qed tiġi invitata li tiċċara lill-Ewwel Qorti dak li l-Ewwel Qorti għaliha diġà għamlitu bl-aktar mod ċar li hu ovvju. Del resto, imbagħad, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant li l-mod kif inkwadrat l-eċċezzjoni tiegħu l-Ewwel Qorti mhux korrett għaliex naqset li tieħu konjizzjoni ta' l-artikolu 449 (ġ) tal-Kap. 12. Jekk wieħed jara l-eċċezzjoni tiegħu msemmija, malajr jara li l-istess ma ġietx magħmula in forza ta' l-artikolu 449 (ġ) tal-Kap. 9 iżda bħala kwistjoni ta' ammissibilità ta' prova u fil-fatt juża l-kliem "mhix ammissibbli bħala prova". Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-mod li ddeċidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Ikkunsidrat:

L-aggravju li jmiss jirrigwarda s-sitt eċċezzjoni ta' l-appellant immarkata bl-ittra F fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996;

F'dik l-eċċezzjoni huwa kien issottometta li stante dak li xehdu l-Ispettur Joe Valletta, Dr. V. Theuma, Dr. Michael Sammut u xhieda oħra dwar l-istat ta' intossikazzjoni ta' l-akkużat minħabba d-droga kokaina, il-Qorti għandha tappunta espert jew esperti, għal waqt il-ġuri, li għandhom ħila u sengħa speċjali fil-qasam tad-droga kokaina, l-effetti li din tħalli fil-

persuna li jeħodha, kif taffettwa lil tali persuna mil-lat psikoloġiku, mentali u fiżiku u dwar fatti u ċirkostanzi oħra relatati ma' din il-materja;

Huwa jissottometti li jħoss li jew hu m'għamilx lilu nnifsu ċar fuq dak kollu li ssottometta fuq din l-eċċezzjoni, jew inkella, l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet naqset li tevalwa sew il-kunċett espost minnu. Huwa jissottometti li d-difiża għandha dritt a bażi ta' l-artikolu 438 (2) (ii) li tindika x'bi ħsiebha tinġunġi fid-difiża ta' l-akkużat. Id-difiża hi konsapevoli li l-ebda xhud ma jista' jiġi mistoqsi domandi li t-tweġibiet tagħhom jirrikjedu l-opinjoni tax-xhud. Id-difiża taf li għal din ir-regola hemm eċċezzjoni billi l-esperti, li huma ukoll xhieda, jistgħu jagħtu opinjonijiet. Fis-sistema legali tagħha, espert hu nominat mill-Qorti. Tali nomini normalment isiru fuq talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-esperti jirrelataw dwar diversi aspetti li jkunu jirrikjedu sengħa u ħila speċjali ta' l-espert. Fis-sistema legali tagħna, apparti xi eċċezzjoni li xi minn daqqiet tista' tiġi ssollevata mid-difiża dwar demenza, ftit jew xejn huma l-każijiet fejn id-difiża titlob lill-Qorti għall-ħatra ta' espert;

F'dan il-kuntest l-appellant jissottometi ukoll li fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-każ **Ir-Repubbblika ta' Malta** *vs* **Edwin Cioffi**, din il-Qorti ppronunzjat ruħha fis-sens li d-difiża għandu jkollha miftuħ għaliha kwalunkwe u kwalsiasi linja difensjonali li hi jidhrilha opportun skond il-liġi. Il-każ odjern huwa dwar omiċidji volontarji, fejn l-element essenzjalissimu għall-eżistenza legali hu l-intenzjoni speċifika. Joħroġ ċar għalhekk, fil-fehma ta' l-appellant, illi l-forma mentis tiegħu li hu imputat b'omiċidji volontarji hi ferm importanti u mingħajr dubbju ta' xejn *a very important fact in issue*. L-effett ta' l-abbuż mid-droga fuq il-persuna li jeħodha hu tali li jħalli makkja li teffettwa l-istess fakoltà mentali. Fil-każ odjern, huwa jissottometti li hemm provi li hu seta' kien ilu jabbuża mid-droga kokaina għal ta' l-inqas 4 jew 5-ijiem b'mod kontinwu

qabel l-allegati omiċidji. Il-ġurija, jissottometti l-appellant, mhix esperta ta' l-effetti li dan l-istat ta' fatt jista' jħalli fuq persuna. Lanqas hi edotta minn effetti ta' droga partikolari, li jistgħu jkunu differenti mit-teħid ta' droga oħra. Il-Qorti, jissottometti l-appellant, hi sprovvista minn tali prova li tikkostitwixxi *material facts in issue*, u kwindi hawn hu l-każ fejn il-Qorti għandha bżonn tal-ħatra ta' espert;

Fl-istess kuntest l-appellant jissottometti ukoll li mhix korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-interpretazzjoni tagħha ta' l-artikolu 650 (1). Il-kliem "għall-eżami ta' persuna jew ta' xi ħaġa" ġew interpretati mill-Qorti bl-aktar mod strett u *ad litteram*. Il-kliem "eżami ta' persuna" ma jfissirx biss eżami fiżiku, però mhux psikoloġiku. Meta jkun hemm biżżejjed fatti u ċirkostanzi li jindirizzaw il-ħtieġa li jkollok prova dwar komportament ta' persuna, hemm bżonn tal-ħatra ta' espert. Huwa kien ġie invistat medikament; u ħafna, inklużi membri tal-korp tal-pulizija setgħu josserva ċerti fatturi li għandhom tifsira li tista' tiġi ulterjorment spjegata mill-espert, una volta li dawn jingħataw dawn l-imsemmija dettalji. L-appellant jissottometti ukoll li tant kien evidenti li għandu raġun f'din l-eċċezzjoni, li l-Ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li hi stess ikollha bżonn opinjoni xjentifika. F'dan però, skond l-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet skorrettement li din mhix eċezzjoni mogħtija skond il-liġi. Huwa jagħmel referenza għall-artikolu 449 (ġ) tal-Kodiċi Kriminali fejn preliminarjament qiegħed jeċċepixxi illi, biex hu jkollu d-dritt u l-libertà li javanza kwalunkwe linea difenzjonali, qed jitlob in-nomina ta' tali espert. Huwa jirrileva li apparti l-eċċezzjoni tiegħu relattiva, hu indika fin-nota tiegħu ġà riferita bin-numru 16 li hu bi ħsiebu jinġunġi espert u li kien ser jitlob lill-Qorti biex taħtru hi. L-Ewwel Onorabbli Qorti, donnha semmiet dan il-fatt fil-paragrafu 1 paġna 1 tas-sentenza, però mbagħad insiet din it-talba li kienet saret. Għalhekk l-appellant jissottometti li din tiegħu hi eċċezzjoni valida u skond

il-liġi. L-espert għandu jitqabbad f'dan l-istadju. Fl-aħħarnett l-appellant jissottometti li hu ma jistax jipprepara d-difiża tiegħu, meta għadu fi stat inċert, jekk hu jistax jeżamina l-espert li bih hu jrid jagħmel il-prova, ta' l-espert psikoloġiċi, mentali u fiżiċi li jħallu fil-bniedem li jkun qed jabbuża mid-droga kokaina u dwar fatti u ċirkostanzi oħra konnessi;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din il-Qorti tafferma li taqbel kompletament ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti li taħt ebda ċirkostanza dak illi kien hemm ikkontenut fil-paragrafu F tan-nota ta' l-akkużat ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1996 b'xi mod jista' jiġi kkunsidrat bħala eċċezzjoni dwar ammissibilità jew inammissibilità jew xi eċċezzjoni preliminari u li essenzjalment l-istess paragraafu jikkostitwixxi reklam, jew talba biex il-Qorti tinnomina espert li jkun jista' jixhed dwar l-effetti msemmija f'min jagħmel użu mill-kokaina. Fl-istess ħin jirriżulta ukoll ċar li talba speċifika għan-nomina ta' perit da parti ta' l-appellant ma saritx, u għalhekk kienet korretta ukoll l-Ewwel Qorti kwantu ikkonstatat dan il-fatt. Mill-banda l-oħra din il-Qorti tifhem ukoll il-preokkupazzjoni ta' l-appellant illi in kwantu f'każ bħal dan jista' malli jiżviluppa l-ġuri jħoss in-neċessità li jindirizza l-element tal-*mens rea* u jkun jirrikjedi opinjoni ta' espert in materja ta' effetti fiżiċi, psikoloġiċi u mentali riżultanti mill-użu tal-kokaina, dan huwa inabbilitat milli jagħmlu, peress li fil-proċess kriminli ma jidhirx li għandu l-possibilità li jippreżenta espert hu *ex parte* biex jagħmel din il-prova. Anqas ma jidher li f'dan il-każ kien ġie mqabbad xi espert biex jeżamina l-istat mentali psikoloġiku ta' l-appellant f'xi ħin waqt il-proċeduri u għall-fini tal-proċeduri li jista' talvolta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat. F'dan il-kuntest ċertament id-difiża hija inabilitata u jekk, billi s-sistema tagħna in kamp penali tipprovdi biss li jiġi nnominat mill-Qorti, in-nuqqas tal-Qorti li tinnomina tali perit evidentement jista' jarreka preġudizzju

għad-difiża. Però daqshekk biss din il-Qorti jidhrilha li għandha tgħid in materja, peress li kif ingħad, hija taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-paragrafu F fin-nota ta' l-akkużat tat-23 ta' Frar, 1996, ma jistax taħt ebda figura jiġi kkunsidrat bħala xi eċċezzjoni preliminari fis-sens ta' l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali. Dak li evidentment għandu jsir huwa li ssir talba *ad hoc*, u ċjoè talba lill-Ewwel Qorti għan-nomina ta' espert fil-materja msemmija biex jekk din jidhrilha xieraq u opportun, hija tiddeċidi dwaru. Iktar minn hekk però din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha xi tgħid. Tirrepeti biss il-fehma tagħha dwar il-ħtieġa li hemm illi f'materja bħal dawn, speċjalment jekk ikun hemm indikazzjoni mid-difiża li tista' tkun sprovvista minn mezz uniku disponibbli biex tagħmel prova tagħha, huwa dover tal-Qorti li tagħmel l-apprezzament opportun u li tieħu deċiżjoni adegwata għal dan il-bżonn;

Ikkunsidrat:

L-aggravju li jmiss jirrigwarda s-seba' eċċezzjoni ta' l-appellant immarkata bl-ittra G fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996;

F'dak il-paragrafu huwa kien issottometta li x-xhieda tiegħu ġiet *tape recorded* u kwindi għandu jiġi esebit il-*casette tape* sabiex l-akkużat ikun jista' jikkontrolla dak li ġie dattilografat;

F'dan ir-rigward hu jissottometti li hu ma jaqbilx mal-mod kif l-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-artikolu 438 (2) tal-Kodiċi Kriminali u qalet li hu ma indika l-ebda xhud sabiex jesebixxi t-*tape recording*. Huwa jirrileva li fin-nota tiegħu, fil-paragrafu 17, kien indika x-xhieda kollha msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu għall-kontro-eżami, u fin-nuqqas li jiġi nġunt, sabiex jiġu prodotti minnu stess. Issa,

jissottometti, fl-atti ta' l-istruttorja, ir-rappreżentant ta' l-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali kien ippreżenta l-*proces verbal*. It-*tape recording* li għaliha qiegħda tagħmel referenza d-difiża hi x-xhieda tiegħu mogħtija fi stadju ta' inkjesta. Kwindi huwa indika, *ai termini* ta' l-artikolu 438 (2), ix-xhud għal dan il-fini. Barra minn hekk, jissottometti l-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet referenza għall-artikolu 440 (3) u l-artikolu 440 (5) tal-Kodiċi Kriminali. Huwa josserva li meta wieħed juża l-espressjoni "il-Qorti", din hija waħda, għalkemm il-kompetenzi jistgħu jkunu diversi. It-*tape recording* ittieħed mill-Maġistrat ta' l-Inkjesta li hu ukoll Qorti. Il-provi miġjuba fl-inkjesta, kuntrarjament għax-xhieda meħuda mill-istruttorja (apparti f'ċerti eċċezzjonijiet), huma provi fil-ġuri. Hu prinċipju ukoll ben stabbilit, jissottometti l-appellant, li dejjem għandha tinġieb l-aħjar prova. It-*tape recording* hu l-aħjar prova, u kwindi din l-eċċezzjoni, fl-umili fehma tiegħu, għandha tiġi akkolta;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-aggravju. Fl-ewwel lok hija tagħmilha ċara li r-raġunament ta' l-Ewwel Qorti li ma ġie indikat ħadd partikolari biex jesebixxi dan it-*tape recording* apparti xi ineżattezzi li jikkontradixxu din il-kostatazzjoni mill-Ewwel Qorti kif fil-fatt suġġerit mill-appellant, hemm aspett ieħor li huwa aktar importanti. Jekk f'xi wieħed mill-atti ta' din il-kawża, u jidher li fl-atti ta' l-inkjesta esebita imbagħad fl-atti tal-kumpilazzjoni u neċessarjament formanti parti mill-atti produċibbli fil-ġuri, hemm traskrizzjoni ittajpjata ta' dikjarazzjoni verbali li suppost għamel l-akkużat u li ġiet *tape recorded*, m'għandu qatt jiġi aċċettat li tkun disponibbli t-traskrizzjoni dattilografata u mhux it-*tape* kontenenti d-dikjarazzjoni verbali bażi ta' l-istess traskrizzjoni. Għalhekk din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li dan it-*tape recording* għandu jifforma parti mill-atti li jekk mhuwiex diġà jifforma parti mill-atti, dan huwa nuqqas li għandu jiġi rrimedjat immedjatament.

Mhix eżattament kwistjoni ta' jekk kellux jiġi indikat xi ħadd partikolari biex jesebih, imma hija kwistjoni li hija tant ovvja li din il-Qorti temmen li kulħadd jaf eżattament x'għandu jsir biex tiġi regolarizzata;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda t-tmien eċċezzjoni tiegħu mmarkata bl-ittra H fin-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996;

F'dak il-paragrafu huwa kien issottometa li x-xhieda tiegħu għandha tiġi *edited* stante li tikkontjeni partijiet fejn qed issir referenza għar-*record* penali tiegħu fis-sens li ssemmew każijiet oħra bħal, per eżempju, dwar pussess ta' arma tan-nar u dawn appaltijiet mhumiex ammissibbli skond il-liġi;

F'dan il-kuntest huwa jissottometti li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tiegħu ħlief għall-ewwel punt imsemmi minnu fin-nota tiegħu tal-31 ta' Lulju, 1996 u ċjoè dak a fol. 11 tal-proċess verbal, linja 2, il-Marokk. L-Ewwel Qorti qalet li hi ma setgħetx issibu, kwindi ma laqgħetx din il-parti ta' l-eċċezzjoni msemmija. B'lealtà lejn l-Ewwel Qorti, l-appellant jistqarr li hu ma kellux l-opportunità li jerġa' jifli d-dokument imsemmi, u ċjoè t-testimonjanza tiegħu li qed Vol. 1 tal-proċess a fol. 157. Huwa jirrileva li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ngħatat il-Ġimgħa u kwindi r-rikors ta' l-appell kellu jiġi mħejji fil-*weekend.* Għalhekk huwa talab li filwaqt li qed jagħmel ir-riservi opportuni huwa jingħata żmien biex jifli aħjar l-istess testimonjanza. Imbagħad huwa jissottometti ukoll li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba tiegħu li tikkanċella l-kliem kollu minn linja 11 sa 13 a fol. 22 tal-proċess, iżda editjat biss il-kliem "għadni ġej mill-Marokk". Stante li hu akkużat b'reati kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta, dan il-kliem kollu riferit għandu jiġi kkanċellat;

Din il-Qorti eżaminat l-atti relattivi u f'dan ir-rigward mingħajr ma tara li hemm ħtieġa li żżid, tikkonferma eżattament dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti għax ma tarax li hu każ li jsir qtugħ oltre dak li ġà deċiż;

Stabbilit dan kollu, għalhekk u għall-motivi premessi, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell kif ġej, u ċjoè, billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi tilqa' l-istess biss in kwantu jirrigwarda s-seba' eċċezzjoni tiegħu kkontenuta fl-ittra G tan-nota tiegħu tat-23 ta' Frar, 1996, li tirrigwarda l-esebizzjoni u d-disponibilità tat-*tape recording* tad-dikjarazzjoni tiegħu fil-kors ta' l-inkjesta billi f'dan ir-rigward tirrevoka s-sentenza appellata li ċaħdet l-istess eċċezzjoni u billi din il-Qorti tilqa' l-istess eċċezzjoni, però tiċħad il-kumplament ta' l-appell tiegħu u konsegwentement tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza appellata. L-atti qed jiġu rrinvijati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.

---

**31 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubbklika ta' Malta

*versus*

Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech,